**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 869/2019 AF**

**William England bhala amministratur ta' Madliena Village Owners Association**

**vs**

**Cissa Limited (C-36023)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' William England bhala amministratur ta' Madliena Village Owners Association, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrent jokkupa l-inkarigu ta' amministratur ta' Madliena Village Owners Association u b'dan il-ghan jamministra l-partijiet komuni tal-kumpless ta' appartamenti maghruf bhala "Madliena Village".

Is-socjetà intimata hija proprjetarja tal-appartamenti 501, 508 u tal-*cottage* bla numru, formanti parti mill-istess kumpless.

Is-socjetà intimata hija debitrici versu l-Madliena Village Owners Association fis-somma komplessiva ta' wiehed u tletin elf u wiehed u hamsin Ewro (€31,051) rapprezentanti s-sehem pro-rata tal-kontribuzzjonijiet dovuti mis-socjetà intimata versu l-Assocjazzjoni mittenti in kwantu ghas-somma ta' erbat elef mija u wiehed u sittin Ewro (€4,161) ghas-snin 2013/2014, in kwantu ghas-somma ta' hamest elef mitejn u ghoxrin Ewro (€5,220) ghas-snin 2014/2015, in kwantu ghas-somma ta' tlett elef sitt mija u hamsa u tmenin Ewro (€3,685) ghas-snin 2015/2016, in kwantu ghas-somma ta' erbat elef disa' mija u tmenin Ewro (€4,980) ghas-snin 2016/2017, in kwantu ghas-somma ta' hamest elef seba' mija u hamsa u erbghin Ewro (€5,745) ghas-snin 2017/2018, in kwantu ghas-somma ta' hamest elef seba' mija u sittin Ewro (€5,760) ghas-snin 2018/2019 u in kwantu ghas-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) bhala sehemha mill-manteniment tal-pixxina ghas-sena 2018/2019.

Is-socjetà intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont minnha dovut, anke permezz tal-ittra ufficjali intavolata fl-24 ta' Awwissu 2017 annessa u mmarkata bhala Dokument "A", izda l-istess socjetà intimata nonstante baqghet inadempjenti.

L-ammont fuq indikat huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrent, is-socjetà intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi x'tissoleva f'din il-kawza.

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawza tinstema' u tigi deciza bid-dispensa mis-smiegh.

Ir-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghall-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Tiddikjara illi s-socjetà intimata ghandha taghti lis-socjetà rikorrenti l-ammont ta’ wiehed u tletin elf u wiehed u hamsin Ewro (€31,051) rapprezentanti s-sehem pro-rata tal-kontribuzzjonijiet dovuti mis-socjetà intimata versu l-Assocjazzjoni mittenti in kwantu ghas-somma ta’ erbat elef mija u wiehed u sittin Ewro (€4,161) ghas-snin 2013/2014, in kwantu ghas-somma ta’ hamest elef mitejn u ghoxrin Ewro (€5,220) ghas-snin 2014/2015, in kwantu ghas-somma ta’ tlett elef sitt mija u hamsa u tmenin Ewro (€3,685) ghas-snin 2015/2016, in kwantu ghas-somma ta’ erbat elef disa’ mija u tmenin Ewro (€4,980) ghas-snin 2016/2017, in kwantu ghas-somma ta’ hamest elef seba’ mija u hamsa u erbghin Ewro (€5,745) ghas-snin 2017/2018, in kwantu ghas-somma ta’ hamest elef seba’ mija u sittin Ewro (€5,760) ghas-snin 2018/2019 u in kwantu ghas-somma ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500) bhala sehemha mill-manteniment tal-pixxina ghas-sena 2018/2019.

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lir-rikorrenti din is-somma ta’ wiehed u tletin elf u wiehed u hamsin Ewro (€31,051).

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali intavolata fl-24 ta’ Awwissu 2017 u bl-imghax dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali intavolata fl-24 ta’ Awwissu 2017 sal-pagament effettiv kontra s-socjetà intimata li d-diretturi taghha huma ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li saret lilha d-debita notifika, Cissa Limited baqghet ma ressqet ebda twegiba u lanqas ma deher ebda rapprezentant taghha biex jikkontesta l-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li s-socjetà konvenuta ghandha taghti lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' wiehed u tletin elf u wiehed u hamsin Ewro (€31,051);

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Cissa Limited thallas lir-rikorrenti s-somma ta' wiehed u tletin elf u wiehed u hamsin Ewro (€31,051), bl-ispejjez u imghax kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Cissa Limited.

IMHALLEF

DEP/REG